KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA’ LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 69

**It-Tlieta 27 ta’ Frar 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa’ fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Christianne Mifsud – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 69.1 Qari tal-Apoloġiji

69.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra waħda ta’ apoloġija mingħand il-Kunsillier Dr Attard li kien jinsab indispost minħabba xogħol.

69.1.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

69.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

69.2.2 Il-minuti tas-seduti numru 68 ġew approvati b’mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 69.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

69.3.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu se jiltaqgħu mad-DG u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mt-tindif l-għada tal-laqgħa. Huwa informa li kien se jagħti aktar updates wara l-laqgħa.

69.3.2 Is-Sindku informa li min-naħa ta’ IM kienu infurmaw lill-Kunsill li tlett kwarti mill-bypass kif ukoll Triq l-Istazzjon kienu se jerġgħu jinfetħu lura għat-traffiku iżda li fl-aħħar parti se jerġa’ jkun hemm ħruġ għal fuq il-parti li bħalissa hija *two way* u tibqa’ nieżla sakemm it-triq tingħaqad mar-roundabout ta’ Buqana.  Dan sabiex jitlesta x-xogħol tal-Korporazzjoni Enemalta.

69.3.3 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li kif se jkun hemm it-telgħa magħluqa għat-traffiku, is-SE għandha tagħmel talba lill-IM biex jirranġaw il-ħajt li jidher qed jimbeżaq ‘il barra.

69.3.4 Il-Kunsill qabel ukoll li tintbagħat talba lil Ambjent Malta biex isir ukoll iż-żbir tas-siġar tal-ewkaliptus.

69.3.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech jekk sarx rapport dwar siġar li nqatgħu bla permess in-naħa t’isfel tal-bosk, is-SE infurmat li kien sar l-ewwel rapport lill-PA u lill-ERA f’Novembru 2023 u kienet bagħtet aktar tfakkiriet, b’waħda minnhom matul dik l-istess ġimgħa.

69.3.6 Is-Sindku informa li r-Reġjun Tramuntana kien qed joffri skema għal-librerija pubblika li tammonta sa €2,000.

69.3.7 Is-Sindku informa li IM infurmaw li appikk li jibda x-xogħol fuq il-parkeġġ ta’ ħdejn l-iskola primarja. Minbarra r-rikostrustruzzjoni tal-parkeġġ kienu se jieħdu ħsieb ukoll li jagħmlu ġiebja għall-ilma tax-xita.

69.3.8 Is-Sindku informa li r-Reġjun Tramuntana kien se jibda jorganizza attività fis-sena u din l-ewwel attività se tkun waħda reliġjuża f’forma ta’ Via Sagra nhar Ħamis ix-Xirka ġewwa l-Mosta. Kien hemm qbil li jiġi organizzat trasport mill-Imtarfa u lura u kull min jattendi se

jingħata qagħqa tal-appostli. Il-Kunsill kien se jitlob rifużjoni tal-ispejjeż lir-Reġjun Tramuntana mill-iskema tal-attivitajiet.

69.3.9 Is-Sindku informa li skont kif kien infurmat, ix-xogħol fuq il-kuntratt ta' bejn IM u l-HA kien qed jiġi konkluż u fil-ġranet li ġejjin kien se jkun qed jgħaddi għand IM għar-reviżjoni tagħhom. Hekk kif dan il-ftehim jiġi ffinalizzat u approvat miż-żewġ partijiet, il-Kunsill kien se jiġi mgħarraf kif se jipproċedu.

## 69.4 *Updates* dwar Proġetti

69.4.1 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-proġett tal-Pjazza, kienet ġiet infurmata li issa l-proċess wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu qabel issir l-aġġudikazzjoni. Min-naħa tagħha kienet infurmat lill-Aġenzija Sapport sabiex ikunu mgħarrfa li dan il-proġett wasal biex jingħata bidu għalih, minħabba li għandhom numru ta' klijenti li mhux se jkunu jistgħu jaċċessaw il-binja.

69.4.2 Fir-rigward tal-proġett ta' bejn il-barracks, is-Sindku informa li Project Green kienu talbu li l-laqgħa ta' informazzjoni ssir aktar tard minħabba li ma kienx għadhom irċevew l-approvazzjoni min-naħa tal-Ministeru biex jattendu. Sadanittant kien sar avviż biex min għandu titlu fuq xi art li kienet se tintmiss mill-proġett jagħmel kuntatt mal-Kunsill mill-aktar fis possibbli. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li għalkemm m'hemmx titlu fuq l-art, għandu jitħalla barra mill-proġett il-planter pjanat għal ħdejn l-ewwel garaxx fi Triq il-Ġilju (man-naħa ta' fuq).

69.4.3 Is-Sindku informa li Project Green kienu għaddew lista ta' materjal li għandu bżonn jinxtara għall-proġett tal-bosk. Dawn kienu se jiġu rifużi lura lill-Kunsill wara li jinxtraw.

69.4.4 Is-SE infurmat li għalkemm kien fadal xi xogħlijiet żgħar xi jsiru fuq il-Visitors Centre bħala parti mis-snag list, bħalissa dawn ma setgħux jitkomplew minħabba li dan kien għadu bla dawl u ilma.

69.4.5 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-proġett ta' Pjazza San Oswald kienet se ssir laqgħa ma' rappreżentanti ta' IM fuq il-BoQ's preparati mill-Periti/Inġiniera tal-Kunsill.

## 69.5 Talba għall-użu taċ-Ċentru tal-Interpretazzjonijiet

69.5.1 Is-Sindku informa li kellu talba biex iċ-Ċentru tal-Interpretazzjonijiet jintuża għal attività mill-Partit Laburista. Hawnhekk kien hawn diskussjoni u l-membri qablu b'mod unanimu li kemm-il darba jkun hemm it-talba, il-Kunsill għandu jakkomoda liż-żewġ partiti politiċi. Kien hemm qbil ukoll li għandha tintalab donazzjoni ta' €150 għal kull attività li ssir fiċ-Ċentru tal-Interpretazzjonijiet għal dan il-għan.

## 69.6 Aġġudikazzjoni tal-offerta tal-Ġbir ta' Skart Goff

69.6.1 Is-SE infurmat li l-bord tal-evalwazzjoni kien lesta l-evalwazzjoni u għaldaqstant għaddiet ir-rapport li ġie ġġenerat mis-sistema fir-rigward ta' din l-offerta. Il-Kunsill qabel mal-bord tal-evalwazzjoni u talab lis-SE biex tmexxi bl-irħas offerta.

Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud skużat ruħha. Il-ħin kien is-6:15pm.

69.6.2 Is-SE infurmat li fil-każ tal-offerta tas-soft areas, kien hemm xi rattifikazzjonijiet u klarifikazzjonijiet u għaldaqstant il-proċess għadu għaddej.

## 69.7 Internet Key għall-Uffiċjal Eżekuttiv

69.7.1 Is-SE għamlet talba lill-Kunsill sabiex japprova li ssir rikjesta għal BOV *internet key* għall-Uffiċjal Eżekuttiv, is-Sur Roderick Debono, sabiex ikun jista' jipprepara l-pagamenti bankarji minflokha u mbagħad jiġu approvati minnha u mis-Sindku biex jgħaddu l-pagamenti li jkunu ġew approvati fuq l-iskeda.

69.7.2 Il-Kunsill approva din ir-riskjesta.

## 69.8 Kwistjoni dwar flus dovuti lir-Reġjun Tramuntana

69.8.1 Is-SE infurmat li b'kontinwazzjoni għal dak li għarraf is-Sindku waqt il-laqgħa preċedenti, ir-Reġjun Tramuntana kien għadda l-ammonti pendenti li kellu l-Kunsill fir-rigward tal-iskart. Dawn kienu jammontaw għal €15,915.12. Min-naħa tad-DLG diġà kienu naqqsu €14,822 mill-allokazzjoni.

69.8.2 Is-Sindku informa li bħalissa l-Kunsill għandu €21,266.73 b'lura fuq ħlasijiet għall-ġabra tal-borża organika minħabba l-iżball li sar min-naħa tar-Reġjun Tramuntana (li kien qed jirrifondi lill-Kunsilli l-ammonti tal-ġabra tal-borża l-bajda). Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibda jħallas dawn l-ammonti minn Ġunju li jmiss (2024) fuq ħames snin.

69.8.3 Sadanittant hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni għal kommunikazzjoni li kienet irċeviet mingħand l-Aġenzija Sapport dwar il-fatt li ma jistgħux jarmu l-ħrieqi tal-klijenti tagħhom nhar ta' Sibt għaliex ma jkunux xogħol. Min-naħa tagħhom kienu qed jipproponu li jagħmlu skip imma l-Kunsill ma qabilx ma' din ir-rakkomandazzjoni. Kien hemm qbil li dawn għandhom jintalbu jieħdu l-boroż tagħhom għand il-fergħa tagħhom li hemm fi Triq San Oswald.

69.8.4 Min-naħa tiegħu s-Sindku informa li kien se jiddiskuti dwar din il-kwistjoni waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

## 69.9 Premju Mara

69.9.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva żewġ nomini. Minħabba li d-data tal-iskadenza biex ngħaddu l-isem tal-persuna nominata kienet il-ġurnata ta' qabel, kien hemm qbil qabel ma saret il-laqgħa li l-Kunsill għandu jagħżel in-nomina ta' Leontine Spiteri.

## 69.10 Jum l-Imtarfa 2024

69.10.1 Is-SE infurmat li Dar Kenn għal Saħħtek kienet ikkonfermat li l-attività setgħet issir għandhom.

69.10.2 Kienet għamlet kuntatt mal-Iskola Primarja u maż-żewġ gruppi tal-iscouts u qed tistenna lura għalkemm il-BP Scouts diġà kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom.

69.10.3 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jivverifika maż-żewġ kantanti lokali stabbiliti Lawrence Gray u Leontine Spiteri biex ikantaw waqt din l-attività.

69.10.4 Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar in-nomini li ġew riċevuti u nomini li saru ad hoc waqt il-laqgħa. Il-qbil kien li r-rebbieħa jkunu kif ġej:

Ġieħ l-Imtarfa – Paul Gatt
Mertu l-Imtarfa – Fr Aayrton Muscat
Premju għall-Volontarjat – Natalie Fsadni

## 69.11 Punti Oħra

69.11.1 Hawnhekk is-SE infurmat li s-Sur Salv Sammut kien għaddielha 'Oratorju' li kiteb fejn talab biex il-Kunsill possibbilment isib mezz kif issir produzzjoni tagħha. Huwa kien għadda kopja tal-kitba u l-mużika lis-SE. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-Sindku għandu jsemmi din it-talba waqt il-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

69.11.2 Is-SE infurmat li kellha talba mingħand il-Pulizija tal-Komunità f'isem residenta minn Triq Sir Philip Pullicino biex titneħħa kaxxa li kienet ġiet immarkata snin twal ilu quddiem residenza waħda u liema kaxxa qegħda tagħmilha kważi impossibbli biex hi taċċessa l-garaxx tagħha. Għalkemm is-SE infurmat li hi ma sabet ebda rekord li jeżisti permess għal din il-kaxxa, kien hemm qbil li l-Pulizija tal-Komunità għandu jintalab jikkonferma mar-resident jekk għandux permess għaliha bil-miktub. Il-Kunsillier Fenech saħaq li hu ma jaqbilx li titneħħa l-kaxxa s-safra. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jdaħħal applikazzjoni għal metru fuq in-naħa tax-xellug biex ikun hemm aċċess adegwat għal din ir-residenta.

69.11.3 Is-SE infurmat li aktar kmieni dakinhar kien sar filming fl-Imtarfa sabiex ikun hemm għarfien dwar il-mixja tal-Militar fuq il-programm The Local Traveller. Il-filmat kien se jixxandar nhar it-13 ta' Marzu fid-9:30pm.

69.11.4 Is-SE infurmat li nhar l-10 ta' Marzu kienet se ssir ukoll l-ewwel Via Sagra organizzata ġewwa l-Imtarfa bl-involviment tal-maġġorparti tal-entitajiet.

69.11.5 Is-SE u s-Sindku kellhom laqgħa ma' rappreżentant tal-Western Community Services biex jiġi organizzat Grupp ta' Żgħażagħ fl-Imtarfa. Hija talbet lill-Kunsilliera biex jekk ikunu jafu b'xi persuna li tista' tmexxi dan il-grupp jitolbuha tagħmel kuntatt mal-amministrazzjoni.

69.11.6 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-inawgurazzjoni tal-VC, għalkemm il-qbil mas-Sur Angelo Borg kien li jkun hemm żewġ barmen u mhux wieħed u li wara l-attività għandhom jingħataw lura l-fliexken kollha vojta kif ukoll il-mimlija, u dan ma sarx, fuq il-lista għall-approvazzjoni kienet

niżlet €120 minflok €200 u dan l-ammont kien ġie approvat mill-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandu jingħata spjegazzjoni għar-raġuni li tnaqqas l-ammont li ngħatalu.

69.11.7 Is-SE infurmat li TM kienu infurmaw li kellhom talba għal Communal Reserved Parking bay oħra għal Triq it-Torri tal-Arloġġ kantuniera ma' Triq in-Narċis. Minħabba li diġà kien hemm żewġ disabled parking bays oħra mad-dawra ta' Binja Buqana, kien hemm qbil li s-SE għandha ssaqsi lil TM kemm-il persuna bi blue badge hemm li joqogħdu f'dik l-akwata.

## 69.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

69.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 02/2024), kopja tagħha mehmuża.

69.12.2 Il-Kunsillier Sammut Dimech proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 69.13 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

69.13.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:05pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 25 ta' Marzu fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 25 ta' Marzu 2024.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |